**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 19**

**Data:** **17 ta' Settembru, 2020**

**Hin:** **08.15am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

19.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

19.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

19.5 Korrispondenza u Rapporti;

19.6 European Mobility Week 2020;

19.7 Anniversarju 10 snin mill-mewt ta' l-Isqof N. G. Cauchi;

19.8 Attivitajiet;

19.9 Bye-Laws;

19.10 Vacation Leave ta' l-Impjegati;

19.11 Materji ohra;

19.12 Skeda ta' Pagamenti;

19.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**19.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

19.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

19.2.1 Il-Minuti ser jigu approvati fil-laqgha li jmiss.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.3.1 Is-Sindku spjega li kif diga gie diskuss precedentament, il-Kunsill kien qabel li ghandu jitwaqqaf bord li jirraprezenta s-settur turistiku tar-rahal. Huwa stieden lill-membri sabiex jipproponu bejn tlieta u hames persuni sabiex dawn ikunu l-komunikazzjoni ma' l-ohrajn. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn gew nominati s-Sur Joe Azzopardi, is-Sur Mario Loporto, is-Sur Matthew Caruana, s-Sur George Mifsud u Luca Bongarzone. Il-Kunsill qabel li ghandha titbghat ittra u naraw jekk jaccettawx din in-nomina. Fuq din in-nota, l-Kunsill innota li kien hemm kollaborazzjoni mis-sidien tal-farmhouses fejn jidher li l-problema tal-iskart kienet naqset. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jirringrazzjahom fuq 'Il-Pjazza'.

19.3.2 Is-Sindku spjega li l-Ministeru ghal Ghawdex xtaqu li l-Kite Festival jigi organizzat din is-sena b'certu restrizzjonijiet. Id-dati proposti huwa bejn is-17 u 18 ta' Ottubru. L-ideja hija li dan isir fiz-zona ta' San Dimitri pero' jkun hemm postijiet differenti fejn itajru. In-nies ser ikunu jistghu jaraw pero' ma jistghux jieqfu sabiex ma jiltaqghux hafna. Joseph Mizzi staqsa jekk kienx hemm zoni ohra fejn jista' jsir dan. Gie spjegat li l-ahjar post huwa z-zona ta' San Dimitri. Is-Sindku qal li l-Ingniera Galea Curmi kienu qed jippreparaw risk assessment sabiex ikun jista' jigi approvat min-naha tal-Awtorita' tat-Turizmu. Miriam Borg staqsiet kemm ser jattendu barranin ghal din l-attivita'. Gie spjegat li sal-prezent m'ghadx hemm din l-informazzjoni. Gie spjegat li din is-sena ser ikun hemm hafna restrizzjonijiet. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jinvolvi lill-NGO's lokali sabiex jghinu fl-andament tal-festival. Dawn ikunu jistghu jikkontrollaw lin-nies u logistika ohra. Fir-rigward ta' l-ikel ukoll irid jinhadem b'sistema differenti mis-soltu fejn tordna minn naha u jingabar minn ohra simili ghal drive thru. L-NGO's iridu jiehu hsieb ukoll il-parkegg fejn ikollhom tabelli li jindika kemm ghad baqa' postijiet vojta fejn jidhlu nies biex jipparkjaw. Fil-prezent gie innotat li l-Kunsill ghad irid jara kemm ser ikun hemm ghelieqi disponibbli u dawn irid jitpogga fihom ir-ramel. Is-Sindku spjega li iktar tard fis-6.00pm gie imsejha laqgha ghall-NGO sabiex jigi diskuss il-festival.

19.3.3 Festival iehor li jigi organizzat f'Novembru huwa Make Music Great li jsir bil-partecipazzjoni tal-baned. Is-Sindku ssugerixxa li ghal din is-sena jsir b'differenza fejn minflok jigu l-baned hawn Malta isir live streaming fejn jigi kkrejat channel u jigi mxandar. Huwa qal li min-naha tieghu diga kellu kuntatt mall-Kunsill ta' Pace della Mela pero' huma kienu spjegaw li ma jistghux itellghu attivitajiet fuq barra. Jista' jkun il-kaz li jtellghu xi haga zghira minn gewwa. Apparti dawn huwa qal li hemm baned taljani ohra u

minn Poland. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghadu jtella' da nil-festival b'differenza u ghandu jerga' jiddiskuti aktar 'il quddiem.

19.3.4 Fir-rigward tal-Opra fil-berah li normalment tigi organizzata l-Gimgha ta' qabel il-festival Make Music Great, is-Sindku spjega li din qeghda tinkiteb u wiehed irid jara jekk tkunx tista' titella'. Apparti dan is-Sindku spjega li ikun hemm ukoll attivita' tal-Milied pero' qabel isir dan tkun trid issir risk assessment report mill-Inginier. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jigi diskuss aktar 'il quddiem.

8.40am Tonio Mifsud talab li jigi skuzat u hareg mil-laqgha.

19.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill wasal ilment li d-djar ta' Triq il-Madonna tal-Virtut fejn hemm l-isqaq li tidhol minn Triq Trux kienu imtlew bl-ilma wara x-xita. Il-Ministeru ghal Ghawdex kien lest li jghin billi jaghmel ix-xoghol ta' manutenzjoni mehtiega. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan ix-xoghol min-naha tal-Ministeru pero' il-Kunsill ghandu jinzamm infurmat bix-xogholijiet.

19.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri li wara l-maltempata qawwija, kien intbghat il-kuntrattur William Sultana u A&E Mintoff sabiex inaddaf it-toroq minn xi hitan jew tajn filwaqt li l-haddiema ser jibdew jibnu l-hitan imwaqqa.

19.3.7 Saret referenza ghat-tqassim tal-maskli fejn is-Sindku ssugerixxa li ghandhom jintbghatu il-haddiema tal-Kunsill iqassmu fejn ikollhom registru elettorali u jaghtu zewg maskli lil kull membru tal-familja. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li tehel sticker fuq il-borza fejn tindika li din gejja mill-Kunsill. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li kull min ma jinstabx id-dar ghandhu jircievi nota li dawn ghandhom jingabru mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhu jsir avviz fuq il-pjazza li jindika li l-haddiema ser ikunu qed iqassmu l-maskri. Is-Sindku ssugerixxa li lit-tfal il-Kunsill itihom maskra li tinhasel. Dwar din il-proposta Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li ghandu jara x'jista' jigi offrut lit-tfal.

19.3.8 Is-Sindku qal li t-token li tigi pprezentata lit-tfal ghaz-zmien tal-Milied fejn soltu tinghata waqt il-festin organizzata b'kollaborazzjoni mall-parrocca tajjeb li ghad baqa' zmien u ghandhu jsir il-hsieb ghalija issa. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li t-token ghandu jkun puzzle fejn jista' jkun ritratt tal-Knisja bis-sigra tal-Milied.

19.3.9 Giet diskussa l-attivita' Dining al Fresco li kienet ippjanata ghal Gimgha 18 ta' Settembru. Gie spjegat li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni minghand l-Awtorita' tat-turizmu wara li kellu jsir risk assessment mill-Inginier. Is-Sindku nforma lill-membri li kienet saret ukoll talba lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal ghajnuna fl-organizazzjoni ta' l-attivita'. Il-Kunsill gie mistieden ukoll jippartecipa ghal waqt din l-attivita' li ghalija ser ikun prezenti ukoll il-Ministru ghal Ghawdex.

19.3.10 Gie spjegat li l-Kunsill ircieva ilment minn pulizija fir-rigward ta' Triq Albert W. Ketelby fejn qeghdin jinbnew l-appartamenti fil-kantuniera. Fl-ilment qeghda ssir talba li jsiru no parkings. Saret diskussjoni fejn gie innotat li jekk isir dan ikun qed jaffetwa sitt familji. Joseph Mizzi ssugerixxa li jsiru double yellow lines pero' gie innotat li t-triq mhijiex tarmak u ghaldaqstant l-ahjar isiru tabelli. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba ghal *no parking* mall-hajt tal-kantun in-naha ta' gew int u diehel fuq il-lemin. Il Kunsill qabel li ghandha ssir talba lil Transport Malta.

19.3.11 Giet diskussa l-materja dwar il-cable tal-High Tension. Is-Sindku spjega li kellu laqgha ma' rapprezentanti tal-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward ta' sitwazzjoni fejn resident

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

kellu arblu fl-ghalqa tieghu. Min-naha tal-korporazzjoni deher li kienu qed jaqblu li jikkomunikaw minn Triq Birbuba, Triq il-Madonna tal-Virtut ghal Triq Dun Alwig Mizzi, ghal Triq Felic Grech, Sqaq ta' Pawluzzu u ghal San Lawrenz hdejn id-dar tal-Anzjani. Din fil-fatt kienet l-ewwel rotta li kien hemm. Is-Sindku kompla jispjega kif kienu saru d-diskussjonijiet matul is-snin fejn l-Enemalta kienet ghaddiet cable sal-bidu ta' Triq il-Madonna tal-Virtut u minn Sqaq ta' Pawluzzu lejn San Lawrenz. Bejn dawn il-postijiet ma kienx hemm cable u sabiex dan ikun jista' jsir irid jghaddi cable minn taht il-bankina fi Triq Dun Alwig Mizzi u ssir bankina n-naha ta' l-eghlieqi fi Triq Felic Grech. Apparti minn dan l-arblu ta' hdejn ic-cimiterju ser jigi eliminat. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill ra u qabel li l-parti ta' quddiem ic-Cimiterju tista' titranga peress li din mhux ser jghaddi xoghol ta' cables minn gewwa fiha.

19.3.12 Is-Sindku semma l-post abbandunat li hemm fi Triq ta' Sdieri fejn spjega li bil-maltemp regghu waqghu xi kantuni. Huwa spjega li l-avukat kien gie ikkuntatjat sabiex jinstabu s-sidien u wiehed jara min ikun responsabbli. Apparti dan anke in-nutar kien gie ikkuntatjat sabiex jaghmel ricerka. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel dawn ir-ricerki u jara l – origini u ta' min hu dan il post. Sadanittant ghandhom jitpoggew barriers minhabba periklu u tintbghat ittra dwar il-periklu lill-entitajiet ikkoncernati.

19.3.13 Il-Vici-Sindku staqsa jekk kienx hemmx xi zvilupp dwar iz-zebra crossing taz-zona tal-Fgura. Gie spjegat li s'issa ma kienx hemm u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha tintalab update lit-Transport Malta. Fuq dan il-punt gie spjegat li z-zebra crossing ta' hdejn il-Knisja fejn sentejn ilu kien sar survey bhala parti mill-European Mobility Week fejn irrizulta li n-nies xtaqu li din issir, il-Kunsill kien rega' applika din is-sena sabiex din id-darba issir b'mod permanenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien gie moghti €2000 ghal European Mobility Week 2020 fejn din iz-zebra crossing ser tkun tista' ssir permezz ta' dawn il-fondi. Fuq dan ir-rigward Joseph Mizzi ssugerixxa li ssir fejn l-entratura ta' ghalqa li hemm fuq din iz-zona. Gie spjegat li ssir it-talba fejn il-Kunsill jara kif issir l-approvazzjoni min-naha tat-Transport Malta.

19.3.14 Miriam Borg talbet sabiex il-mera li hemm fejn ta' Dbiegi titla ftit aktar 'il fuq peress li m'ghadiex qed turi tajjeb. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu nkarigati l-haddiema sabiex jiehdu hsieb ta' din.

## 19.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 19.5 Korrispondenza u Rapporti

19.5.1 Giet trattata korrispondenza fir-rigward ta' Premju Anzjanita Attiva'. Giet diskussa din in-nominazzjoni fejn is-Sindku ssugerixxa lil Carmen Vella ghal dan il-Premju ghax-xoghol li twettaq fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma' din in-nomina.

19.5.2 Il-Vici Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp fir-rigward tal-ftuh ta' Triq Tumas Cassar. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qed jistenna li tinhareg l-enforcement min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

19.5.3 Giet trattata korrispondenza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' l-iskema WiFi4EU fejn kif jidher s'issa kien ghadu ma sar xejn. Gie spjegat li fil-prezent kienet ghaddejja diskussjoni bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-Assocjazzjoni u l-Kunsilli peress li l-kuntrattur maghzul ma kienx zamm il-parti tieghu. Issa jidher li l-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

vouchers kienu ghadhom disponibbli sal-2021. Fuq dan il-punt is-Sindku ssugerixxa li tinkiteb ittra lid-Dipartiment sabiex ninghataw il-vouchers u l-parti tal-Kunsill niehdu hsiebha ahna stess. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

19.5.4 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet min-naha ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp PA/05136/20, PA/05698/20, PA/05726/20 u PA/05757/20

19.5.5 Giet trattata korrispondenza dwar skema ta' Finanzjament ta' Progetti Kapitali – Accessibilita' u Mobilita'. Il-Kunsill iddiskuta' din l-applikazzjoi u qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

**19.6 European Mobility Week 2020**

19.6.1 Gie spjegat li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjonijiet tieghu ghal European Mobility Week mall-Ministeru ghal Ghawdex pero' din ma kienetx giet diskussa minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 u ghaldaqstant ma kienx jidher li ser isiru attivitajiet. Joseph Muscat staqsa kienx hemm xi zvilupp dwar l-E-bikes. Gie spjegat li dwar dan kienet ghadda qed issir il-hidma biex il-Kunsill jara jirnexxielux jerga' joffri dawn fi skema ohra liz-zghazagh.

19.6.2 Fir-rigward tal-Clean up the World, gie spjegat li l-Ministeru kienu qeghdin jiehu hsieb li jghaqdu l-gruppi huma. Is-Sindku ssugerixxa li din l-attivita' tista' ssir f'xi hin meta ma jibqax restrizzjonijiet.

**19.7 Anniversarju 10 snin mill-mewt ta' l-Isqof N. G. Cauchi**

19.7.1 Gie spjegat li din is-sena kienet ser tahbat l-10 anniversarju mill-mewt ta' l-Isqof Nikol G. Cauchi u ghaldaqstant is-Sindkku ssugerixxa li ssir cerimonja zghira simili ghal Jum l-Gharb fejn jitpoggew fjuri quddiem il-monument tieghu fil-pjazza u quddiesa. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ddecieda li ghandha tibtghat email lill-Arcipriet biex ninfurmawh u naraw min-naha tal-parrocca hijiex ser issir xi haga simili.

**19.8 Attivitajiet**

19.8.1 Dan il-punt gie diskuss aktar 'il quddiem fil-komunikat tas-Sindku.

**19.9 Bye-Laws**

19.9.1 Saret diskussjoni dwar il-bye-laws li intbghatu lill-Kunsilliera perezz ta' l-email li jittrattaw dwar storbu u bye-law ohra dwar l-iskart. Dawn il-bye-laws kienu draft u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li l-avukat tal-Kunsill ghandu jigi mitlub biex jibda jahdem fuqhom. Joseph Mizzi staqsa dwar min inehhi l-ingombru ta' sigar minn fuq bankini peress li fi Triq Sdieri kien hemm post li kellu sigar mahrugin il-barra. Gie spjegat li f'dan ir-rigward il-Kunsill kellu bye-law li kienet qeghda tigi processata ghall-approvazzjoni.

**19.10 Vacation Leave ta' l-Impjegati**

19.10.1 Gie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi vacation leave li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sa l-ahhar tas-sena. Fil-prezent kien ghad fadlilhom hekk segwenti Segretarju Ezekuttiv 219.75, Assistant

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Principal 147.00 u skrivan 120.00. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave li jibqa' pendenti ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla.

**19.11 Materji ohra**

19.11.1 Ma kienx hemm materji ohra x'jigu diskussi.

**19.12 Skeda ta' Pagamenti**

19.12.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**19.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

19.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru, 2020 fit-8.30am.

19.13.2 Il-laqgha spiccat fil-9.20am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv